MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 22/2009

Direttur Registru Pubbliku

Vs

Maryanne Portelli

Il-Qorti;

Permezz ta' dan il-procediment[1] ir-ritrattand qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismjiet **Maryanne Portelli vs Direttur Registru Pubbliku Ghawdex** (Citaz. numru 123/2005) li giet deciza fil-31 ta' Mejju 2006. Permezz ta' dik is-sentenza l-qorti kienet ordnat il-korrezzjoni tac-certifikat bin-numru progressiv 197/1915, wara li r-ritrattata kienet ippremettiet li:-

(a) Hi neputija tal-mejjet Pietro Said li kien miet fl-Isptar Generali ta' Ghawdex fit-22 ta' Novembru 2005;

[1] Rikors prezentat fis-6 ta' Marzu 2009.

(b) Pietro Said twieled fid-19 ta' Jannar 1923 u mhux fit-12 ta' Marzu 1915 kif erronjament muri fic-certifikat tat-twelid;

It-talba ghar-ritrattazzjoni hi bazata fuq l-Artikolu 812 tal-Kap. 12, in kwantu r-ritrattand isostni li wara s-sentenza nstab dokument deciziv li hu c-certifikat tat-twelid numru 57/1923 li huwa c-certifikat tat-twelid ta' Pietro Said u li jikkonferma li Pietro Said twieled fid-19 ta' Jannar 1923 minn Angelo u Carmela xebba Portelli.

Ghalhekk ir-ritrattand talab li tigi mhassra s-sentenza moghtija minn din il-qorti fil-31 ta' Mejju 2006 fil-kawza **Maryanne Portelli vs Direttur Registru Pubbliku Ghawdex**, u sabiex tordna s-smiegh mill-gdid ta' l-istess kawza.

Ir-ritrattata, ghalkemm debitament notifikata, ma wegbitx. Madankollu fl-ewwel smiegh dehret flimkien mad-difensur taghha li ddikjara li r-ritrattata taqbel mat-talba tar-ritrattand in kwantu kien irrizulta li c-certifikat ta' twelid li a bazi tieghu ntalbet il-korrezzjoni fil-kawza fuq imsemmija kien ta' persuna ohra u mhux taz-ziju tar-ritrattata.

Ghal dawn il-motivi gialadarba m'hemm kontestazzjoni, il-qorti qeghda:-

1. Thassar is-sentenza moghtija minn din il-qorti fil-31 ta' Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet: **Maryanne Portelli vs Direttur Registru Pubbliku Ghawdex** (Citaz. numru 123/2005).

2. Tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------